# *60 Sena mill-mewt ta' Carlo Diacono*



Carlo Diacono (1876 - 1942)

Kien Nhar il-15 ta' Ġunju 1942 fit-8:00 ta' filgħodu, ġewwa Ħal-Lija, waqt l-agħar attaki mill-ajru fuq Malta, illi Carlo Diacono ħalla dan il-wied ta' dmugħ, fl-eta' ta' 66 sena.
Carlo Diacono huwa magħruf biżżejjed fostna ż-Żwieten għaliex propju f'dawn il-ġranet sbieħ tal-festa nitpaxxew bil-kompożizzjonijiet sbieħ li ħallielna w li bla ebda dubju ta' xejn ħarġu verament mill-qalb, għaliex huwa bħalna kien kburi li huwa Żejtuni w iben denn ta' Santa Katarina V.M..
Iżda l-fama ta' Carlo Diacono ma tieqafx hawn fostna, iżda hija mifruxa ma Malta kollha, speċjalment fil-ġranet tal-festi fejn tindaqq il-mużika tiegħu. Fama li mbniet matul is-snin frott il-ġenju mużikali li kellu. Ma kienx biss is-surmast tiegħu Paolino Vassallo li faħħar il-ġenju mużikali tiegħu, iżda saħansitra Surmastrijiet kbar barranin bħal Refice, Perosi, Pizzetti, Zandonai, Respighi w anke Mascagni li minkejja li ma kienx jafu personalment stqarr illi "Dan il-bniedem ma jafx hu stess kemm jaf". L-istess Perosi, stqarr illi "Diacono huwa lussu għal Malta".
Jekk wieħed iqalleb il-ġurnali ta' żmienu, speċjalment dawk tal-bidu tas-seklu li għadda, jinduna malajr il-popolarita' ta' dan il-kompajżan tagħna, anke sa mill-bidu tal-karrieira tiegħu. Dan minkejja li kellu jħabbatha ma kompożituri stabbiliti bħal Nani u Buġeja.
Iżda l-iżvolta kien il-famuż meta propju l-Vatikan ħareġ il-parametri ġodda għall-mużika sagra u li sa dak iż-żmien kienet aktar addattata għat-teatri milli għad-dar t'Alla. Hawn nistgħu ngħidu li Diacono ħareġ bl-unuri kollha u l-mużika sagra tiegħu kienet mill-ewwel tiġi approvata mill-Vatikan.
Il-Biċċa l-kbira tal-mużika sagra tiegħu, Diacono ikkomponieha fid-dar kbira li hemm f'tarf Misraħ Girgor Bonniċi ġewwa raħal twelidu. Hekk per eżempju insibu l-parti l-kbira tal-quddies, għosrien, antifoni w innijiet, speċjalment dawk ta' Santa Katarina, u speċjalment l-unika opra tiegħu "L'Alpino" li kisbet suċċess strepituż ġewwa t-teatru Rjal. F'din id-dar ikkompona wkoll l-oratorju "San Paolo evangelista i Maltesi" li kkompona għall-okkażżjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta. Diversi xogħlijiet oħra, Diacono kkomponihom ġewwa d-dar li kellu ġewwa Marsaxlokk u aktar tard ġewwa l-Belt Valletta, fejn kien ħtieġlu jmur joqgħod wara li l-Arċisqof Dom Mauro Caruana kien ħatru Maestro di Cappella tal-Kattidral fl-1920, minkejja li lanqas biss kien resaq għall-konkors.
Mhux fil-ħsieb tiegħi li noqgħod nirrepeti dak li aħna ż-Żwieten u bosta Maltin dilettanti jafu fuq dan il-ġenju mużikali Malti. Pero' huwa xieraq illi peress li ninsabu fil-ġranet tal-festa u d-data eżatta tal-mewt tiegħu taħbat lejliet il-festa, nixtieq naqsam ma ħuti Żwieten tifkiriet li għaddewli ta' qabilna u li għaddietli speċjalment it-tifla tiegħu Maria Falzon, fuq kemm kien kburi li kien Żejtuni. Sa mill-bidu insibu fil-ġurnali illi bosta drabi kienu jinbxuħ dwar x'kienet ir-raġuni li ġenju mużikali bħalu baqa' jgħix

........... Jissokta f' paġna 38

............ Jissokta minn paġna 37

f'raħal twelidu u ma resaqx lejn il-Belt. Anke meta ħtieġlu bilfors imur joqgħod ġewwa l-Belt Valletta , kellu ġranet fissi meta kien jinżel iż-Żejtun flimkien mal-familja w jgħaddi xi żmien mal-ħbieb tiegħu fil-ħanut ta' Ċikku 'L-Azzarin', li kien skarpan u li kien quddiem l-għassa. Ma kienx jonqos ukoll illi jagħmel żjara lil ħbieb fil-Każin Beland fejn kien ukoll Surmast Onorarju.

Meta kkompona l-innu lil Santa Katarina "Dei Sacri Ministri" fl-1919, kien jieħu ħsieb huwa personalment li jgħallem lit-tfal għall-kant u għal bosta drabi kien ikun preżenti waqt l-esekuzzjoni tiegħu. Kien ukoll jieħu nteress personali fil-banda u l-bandisti.

Ir-rabta ta' Carlo Diacono maż-Żejtun kienet waħda profonda u sinċiera. It-tifla tiegħu Maria rrakkontatli li ta' spiss kien jgħidilha biex meta jmut ma jħallux lil Monsinjuri tal-Kattidral jidfnuħ hemm għaliex huwa ried jindifen fiż-Żejtun. Anke wara mewtu kien hemm min ried jittrasporta l-fdalijiet tiegħu fil-Kattidral, għaliex bħala Maestro di Cappella kellu kull dritt jindifen hemm. Mill-ewwel intervjena l-Arċipriet u ma ħalliex dan isir għaliex beża' mill-oppożizzjoni taż-Żwieten.

Jiena ċert illi ħuti ż-Żwieten jgħożżu lil dan il-ġenju mużikali Żejtuni, li għamel unur mhux biss lil raħal twelidna, iżda wkoll lil Malta kollha. Tajjeb għalhekk illi ngħaddu din l-għożża lil uliedna biex dawk li writna mingħand missirijietna, u li bir-raġun aħna kburin bih, jibqa' dejjem ħaj.

Nistieden għalhekk liż-Żwieten kollha u lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-mużika sagra biex jattendu għal quddiesa De Requie għal ruħ Carlo Diacono li ser tinżamm Nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2002 fil-Knisja Parrokkjali l-qadima ta' Santa Katarina, magħrufa ta' San Girgor fis-6:30pm, fejn ser tiġi esegwita l-quddiesa famuża De Requile Nru 3.

**Charles Debono**

